MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 843/2010

**Avukat Dr Rita Mifsud**

**(K.I. Numru 472696 M)**

**bhala mandatarju specjali ta' l-assenti**

**Eileen Bonass**

**vs**

**Direttur Generali**

**(*Project Design and Implementation*)**

**gia`**

**Direttur Generali Taqsima Xogholijiet**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-25 t'Awwissu, 2010, li permezz tieghu sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi ghall-habta ta' 4.15p.m. tat-30 ta' Mejju, 2007, il-mandanti fuq indikata kienet involuta f'incident waqt li kienet miexja fi Triq il-Merkanti, il-Belt, fejn kienu qed isiru xi xogholijiet mill-intimat;

1.2. Illi l-incident sehh meta l-istess mandanti kienet ghaddejja minn fuq planki impoggija mill-intimat ghall-uzu pubbliku waqt l-istess xogholijiet, meta planka minnhom cediet u waqqghet go hofra li kienet mghottija bl-istess planka;

1.3. Illi rizultat tal-istess l-imsemmija mandanti soffriet danni fizici u materjali;

1.4. Illi rizultat tal-istess soffriet griehi gravi f'saqajha x-xellugija, giet operata l-Isptar San Luqa fil-31 ta' Mejju, 2007, u damet hemm rikoverata hdax (11) -il gurnata;

1.5. Illi l-mandanti irritornat l-Irlanda fit-12 ta' Gunju, 2007, fejn kompliet bil-kura u terapija fil-*Beaument Hospital* ta' Dublin;

1.6. Illi hemmhekk regghet giet operata fl-24 ta' Gunju, 2007, u kienet riferuta ghand il-Professur Michael Stephens f'*Cappagh National Orthopaedic Hospital* fejn mhux biss kompliet il-kura necessarja izda regghet giet operata ghat-

tielet (3) darba fiz-19 t'Awwissu, 2009, ghal *ankle replacement*;

1.7. Illi kagun ta' dan l-incident il-mandanti soffriet danni finanzjarji ingenti, inkluz spejjez ghal modifikazzjonijiet li gew rezi necessarji fir-residenza taghha;

1.8. Illi l-imsemmi incident hu unikament responsabbli ghalih l-intimat li naqas li jiehu dawk il-prekawzjonijiet mehtiega biex jassigura s-sahha u l-protezzjoni tal-pubbliku waqt li kien qed jesegwixxi x-xogholijiet in dizamina;

1.9. Illi ghalkemm debitament interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-mandanti, l-intimat baqa` inadempjenti, u ghalhekk kellha tigi intavolata din il-procedura;

1.10. Illi ghaldaqstant il-mandanti *de quo* qed titlob lil din il-qorti biex:

1.10.1. Tiddikjara li l-intimat kien unikament responsabbli ghall-incident tat-30 ta' Mejju, 2007, fuq deskritt;

1.10.2. Tiddikjara li l-intimat hu allura responsabbli ghad-danni sofferti mill-mandanti *de quo*;

1.10.3. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess mandanti, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;

1.10.4. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas is-somma ta' danni hekk likwidata;

1.10.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet dovuti sad-data tal-effettiv pagament;

2. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat datata z-19 t'Ottubru, 2010, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

2.1. Illi r-rikorrenti *nomine* ghandha taghti prova tal-mandat minnha vantat f'din il-procedura;

2.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti *nomine* huma infondati *stante* li l-incident ma garax minhabba xi negligenza jew traskuragni tal-intimat;

2.3. Illi ghalhekk, l-intimat ma jirrispondix ghad-danni;

2.4. Illi l-intimat ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega biex jassigura s-sahha, is-sigurta` u l-protezzjoni kemm tal-pubbliku, kif ukoll tal-haddiema fuq is-sit tax-xoghol;

2.5. Illi rigward il-fatti jirrileva li fuq is-sit tax-xogholijiet in dizamina ma ntuzaw l-ebda planki;

2.6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, kull allegat dannu ghandu jigi ipprovat;

2.7. Salv eccezzjonijiet ohra;

2.8. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti nomine;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-27 t'Ottubru, 2010, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm indikati, hatret lis-segwenti biex jassistuha: (ara foll 36)

3.1. Assistent Gudizzjarju hemm indikata;

3.2. Espert tekniku hemm indikat;

4. Rat ir-relazzjoni tal-espert tekniku pprezentata *in atti* fiz-19 t'Ottubru, 2011, (ara foll 137);

5. Rat in-nota tal-intimat datata l-5 ta' Marzu, 2012, kontenenti domandi in eskussjoni tal-istess espert tekniku indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 163);

6. Rat ir-risposti guramentati tal-istess espert tekniku ghad-domandi in eskussjoni li sarulu datati it-22 ta' Jannar, 2013, (ara foll 184);

7. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-23 t'April, 2013, li permezz tieghu stabbilit it-terminu li fih il-partijiet kellhom jipprezentaw in-noti taghhom, (ara foll 187);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti *nomine* datata z-19 ta' Lulju, 2013, (ara foll 188);

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimat datata l-20 t'Awwissu, 2013, (ara foll 196);

10. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-5 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu il-kawza kienet differita ghas-sentenza ghad-data hemm indikata, (ara foll 206);

11. Rat l-ordni ta' trasferiment ta' kawzi datat l-20 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu din il-kawza giet trasferita lil din il-qorti kif preseduta, (ara foll 207);

12. Rat id-digriet taghha datat l-14 t'April, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita tar-rikorrenti *nomine*, awtorizzat lill-istess biex tipprezenta prospett tal-ammont pretiz, bl-intimat jinghata z-zmien hemm indikat ghar-risposta tieghu, (ara foll 209);

13. Rat il-prospett indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 211);

14. Rat il-risposta fir-rigward tal-intimat, (ara foll 217);

15. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

16. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat l-24 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li kienu qed jistriehu fuq is-sottomissjonijiet skritti taghhom;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi minn analizi tax-xhieda migbura mill-qorti u mill-assistent gudizzjarju fuq gia` riferita, il-fatti li taw bidu ghal din il-procedura jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

17.1. Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta ta’ l-4.15p.m. fi Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta, waqt li l-mandanti Eileen Bonass, akkompanjata minn habiba taghha, kienet miexja fuq in-naha tal-lemin tal-istess triq int u thares fid-direzzjoni ta’ Kastilja;

17.2. Illi l-imsemmija triq kien qed isir xoghol ta’ kostruzzjoni stradali estensiv u flimkien mall-mandanti odjerna imsemija u mall-habiba taghha, kien hemm ukoll diversi pedonali ohra, fejn l-istess mandanti kienet miexja warajhom;

17.3. Illi hekk kif kienet miexja wara l-istess pedonali li kienu ghadhom kemm imxew minn fuq planka ta’ l-injam, meta l-istess mandanti giet biex taghmel l-istess manuvra ta’ dawk li kienu qabilha, hekk kif poggiet sieqa fuq l-istess planka tal-injam, din inqasmet fi tnejn b’rizultat li waqghet f’gandott fond, (ara foll 41, paragrafu numru tnejn, (2));

17.4. Illi meta xi haddiema li kienu fuq il-post ghinuha biex tinhareg saqajha mill-imsemmi gandott, rat lil saqajha titbandal, (ara foll 41, paragrafu numru tlieta, (3));

17.5. Illi l-istess mandanti ittiehdet l-isptar San Luqa, fejn l-ghada filghodu giet operata, (ara foll 41 paragrafu numru erbgha, (4));

17.6. Illi l-ghada ta' l-operazzjoni l-mandanti kienet fi stat t'ansjeta` u migugha hafna, (ara foll 41 paragrafu numru sitta, (6));

17.7. Illi rizultat tal-incident in dizamina, ir-ragel tal-mandanti kien kostrett jigi Malta mill-Irlanda biex jassisti lil martu, (ara foll 41 paragrafu numru sitta, (6));

17.8. Illi l-kap tal-Ministeru tar-Rizorsi u Infrastruttura ha interess immedjat fl-akkadut u assista kemm lis-sinistrata in dizamina kif ukoll lil zewgha li kien kostrett ghalhekk jigi Malta f'hakka t'ghajn, (ara foll 41, paragrafi numru hamsa, (5), u sitta, (6);

17.9. Illi s-sinistrata giet rilaxxata mill-isptar fid-9 ta' Gunju, 2007, (ara foll 42, paragrafu numru sebgha, (7));

17.10. Illi meta irritornat l-Irlanda kienet kostretta tattendi l-isptar *Beaumont* fi zmien tmienja u erbghin (48) siegha mill-wasla taghha hemmhekk, (ara foll 42, paragrafu numru tmienja, (8));

17.11. Illi fl-24 ta' Gunju, 2007, is-sinistrata regghet giet operata u sussegwentement kellha tibda l-fizjoterapija, (ara foll 42 paragrafu numru ghaxra, (10));

17.12. Illi in vista tal-istess kienet ukoll kostretta taghmel perjodu ta' tmin (8) gimghat fuq siggu tar-roti, (ara foll 42, paragrafu numru ghaxra, (10));

17.13. Illi *nonostante* l-kura subita, il-ferita riskontrata ma kienitx qed tfieq kif dovut, (ara foll 42, paragrafu numru hdax, (11));

17.14. Illi rizultat tal-kura lilha indikata, is-sinistrata soffriet ukoll minn reazzjoni kutanea, (ara foll 42, paragrafu numru tlettax, (13));

17.15. Illi rizultat tal-incident *de quo* is-sinistrata giet sussegwentement dijanjostikata li kellha bzonn tissottometti ruhha wkoll ghall-operazzjoni ulterjuri biex tigi sostitwita l-ghaksa ta' saqajha, (ara foll 43, paragrafu numru sbghatax, (17), liema operazzjoni ghamlitha fiz-19 t'Awwissu, 2009, ghaliex kien hemm hafna pazjenti ohra qabilha, (ara foll 43, paragrafi sbghatax, (17) u tmintax, (18);

17.16. Illi ghalkemm jirrizulta li s-sinistrata kellha wkoll xi komplikazzjonijiet ohra, hi giet rilaxxata mill-isptar fit-28 t'Awwissu, 2009, (ara foll 43, paragrafu numru tmintax, (18);

17.17. Illi sallum, is-sinistrata ghada kostretta tuza bastun biex timxi, (ara foll 43, paragrafu numru dsatax, (19);

17.18. Illi biex tissupera r-restrizzjonijiet ta' mobilita` ikkagunati konsegwenza tal-incident in dizamina, is-sinistrata kienet kostretta teffettwa xi tibdiliet strutturali fid-dar tar-residenza taghha, senjatament: (ara foll 43)

17.18.1. Kamra tal-banju fis-sular t'isfel, li swiet tmintax -il elf sitt mija u tletin Ewro, (€18,630.00);

17.18.2. Tibdil strutturali fl-intrata ammontanti ghal tlett mija u tlieta u hamsin Ewro, (€350.00), komplessivament;

17.18.3. Stallazzjoni ta' *chair lift* ammontanti ghal tlett elef erba` mija u wiehed u sittin Ewro u hamsa u sebghin centezmu, (€3,461.75);

17.18.4. Xoghol ta' zebgha u materjal ammontanti ghal erba` mija u erbghin Ewro, (€440.00), (ara foll 68 sa 70);

17.18.5. Xogholijiet fis-sistema tal-*alarm* ammontanti ghal disghin Ewro, (€90.00), (ara foll 63);

17.18.6. Spejjez medici komplessivament ammontanti ghal elf, mitejn u tmienja u ghoxrin Ewro, (€1,228.00), (ara foll 132, 133 u 78);

17.18.7. Spejjez ta' natura legali, komplessivament ammontanti ghal elf seba` mija u Ewro u hamsa u tmenin centezmu, (€1,701.85), (ara foll 72);

17.18.8. Vettura awtomatika ammontanti ghal wiehed u ghoxrin elf, disa` mija sebgha u sittin Ewro u hamsa u hamsin centezmu, (€21,967.55), (ara foll 82), *stante* li rizultat tal-istess incident in dizamina kienet medicament certifikata li ma setghetx aktar issuq vettura operata manuwalment u biex b'hekk tirriakkwista b'xi mod l-indipendenza u l-mobilita`

mitlufa taghha, (ara foll 44, paragrafu numru hamsa u ghoxrin, (25);

17.18.9. Illi komplessivament l-ammont ta' danni attwali sofferti mis-sinistrata ghalhekk jammontaw ghal sebgha u erbghin elf tmin mija u tnejn u sebghin Ewro u hmistax -il centezmu, (€47,872.15);

Ikkunsidrat:

18.0. Illi minn naha tieghu l-intimat isostni sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi s-sit in dizamina fi Triq il-Merkanti, il-Belt, kien sit ta' kostruzzjoni fejn allura l-"utenti kellhom jezercitaw grad oghla ta' prekawzjoni huma u ghaddejjin mill-imsemmija triq", (ara foll 197);

18.2. Illi l-planki tal-injam allegati mis-sinistrata ma jirrizultawx li kienu hemm, (ara foll 197), ghalkemm kien hemm planki tal-hadid, (ara foll 197);

18.3. Illi ha l-prekawzjonijiet kollha normalment mistennija f'sit ta' kostruzzjoni biex tigi salvagwardata l-inkolumita' tan-nies pedonali li jkunu kostretti juzaw l-imsemmija triq, (ara foll 197);

Ikkunsidrat:

19.0. Illi mill-ezami tal-espert tekniku nominat minn din il-qorti diversament preseduta jirrizulta sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi l-ezami mediku tieghu gie ezegwit fid-9 ta' Marzu, 2011, (ara foll 139);

19.2. Illi ikkonstata li s-sinistrata kienet timxi bil-mod, izzappap u tuza bastun f'idejha il-leminija, (ara foll 139);

19.3. Illi l-ferita riskontrata kienet fl-ghaksa tax-xellug li rizultat tal-istess kellha il-moviment taghha cirkoskritt severament, (ara foll 140);

19.4. Illi l-ghaksa kienet operata u intuzaw fiha viti u pjanci, (ara foll 141);

19.5. Illi rizultat tal-incident *de quo* is-sinistrata kellha moviment limitat, (ara foll 141), u allura l-"mixi jkun difficli aktar f'art imharbta u tela jew nizla t-tlajja jew it-turgien", (ara foll 141);

19.6. Illi l-istess espert mediku *de quo* stabbilixxa li s-sinistrata soffriet dizabilita` permanenti ta' hmistax fil-mija, (15%), rizultat tal-incident in dizamina, (ara foll 142);

Ikkunsidrat:

20. Illi tenut kont tal-analizi medika fuq sintetikament riprodott din il-qorti m'ghandiex ghaliex ma tikkonkordax ma' l-istess, u konsegwentement, taghmel taghha l-istess konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-istess espert mediku nominat;

Ikkunsidrat:

21.0. Illi tenut kont tas-sintesi fattwali fuq elenkat jirrizulta s-segwenti:

21.1. Illi fil-mument tal-incident in dizamina l-intimat kien ghaddej b'xogholijiet estensivi fit-triq in dizamina;

21.2. Illi ghandu jkun pacifiku li hu l-obligu tieghu li meta assuma l-oneru ta' tali xogholijiet hu ried jeffettwa l-istess billi jassikura l-inkolumita` ta' dawk kollha mill-pubbliku li hu kien lest li jhalli jghaddu mill-postijiet fejn kien qed jaghmel ix-xogholijiet ta' kostruzzjoni;

21.3. Illi jirrizulta li s-sinistrata ma kienet qed taghmel xejn straordinarju meta sehh is-sinistru *de quo* hlief li kienet qed timxi fi *queue* wara persuni ohra;

21.4. Illi ghalkemm jirrizulta li l-planki tal-injam originarjament allegati mir-rikorrenti ma kienx hemm, jibqa` l-fatt li din

waqghet f'gandott miftuh mill-intimat bil-konsegwenza nefasti kollha fuq elenkati;

21.5. Illi l-istess fatt rigwardanti n-nuqqas tal-pjanca tal-injam hu wkoll koncess mir-rikorrenti stess, (ara foll 101 C);

21.6. Illi li jirrizulta abbundantement assodat li kien hemm x'kien hemm, dan ceda bil-piz tar-rikorrenti u b'hekk ta bidu ghas-saga in dizamina:

> "When I stepped upon them, I went down immediately", (ara foll 101 B),

Ikkunsidrat:

22. Illi hu obbligu tal-intimat li f'kazijiet bhal dak in dizamina jassigura l-inkolumita` tal-persuni kollha involuti fil-lant tax-xoghol minnu avvjat – kemm haddiema, kemm passanti injari;

23. Illi r-rikorrenti tirrizulta li kienet qed tagixxi b'mod diligenti konxja mill-perikolozita` insita fis-sit *de quo stante* li fit-triq in dizamina kien hemm taqlib strutturali edilizju konsiderevoli;

24. Illi jirrizulta assodat li l-incident sehh meta l-planka li fuqha rifest ir-rikorrenti sinistrata b'xi mod cediet bil-konsegwenza li s-sieq ix-xellugija tar-rikorrenti waqghet f'gandott pjuttost fond bil-konsegwenzi kollha fuq gia` elenkati;

25. Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li r-responsabbilita` kollha tal-akkadut taqa` kompletament fuq l-intimat li ma assikurax l-inkolumita` tal-passanti li hu halla jeccedu f'sit perikoluz li minnu kien qed jigi kostruwit;

Ikkunsidrat:

26. Illi rigward id-danni sofferti mir-rikorrenti din il-qorti tqis li l-elenku fuq gia` redatt hu wiehed gust u ekwu;

Ikkunsidrat:

27.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tal-intimat, takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti *nomine* u ghalhekk:

**DECIDE:**

27.1. Tiddikjara li l-intimat hu unikament responsabbli ghall-incident in dizamina li sehh fit-30 ta' Mejju, 2007;

27.2. Tiddikjara li l-intimat hu wkoll responsabbli ghad-danni sofferti minn Eileen Bonass;

27.3. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess rikorrenti mandanti indikata fil-paragrafu precedenti fl-ammont komplessiv ta' sebgha u erbghin elf tmin mija u tnejn u sebghin Ewro u hmistax -il centezmu, (€47,872.15);

27.4. Tikkundanna lill-istess intimat biex ihallas is-somma ta' danni likwidata fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti *nomine* fuq riferita;

27.5. Bl-ispejjez kif indikati fir-rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet dovuti mid-data tal-ittra ufficjali hemm ukoll riferita datata it-13 ta' Mejju, 2009, sad-data tal-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------